MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru. 1323/2006

## Il-Pulizija
## Spettur Pierre Grech; Spettur Victor Aquilina

## VS

## Godwin Spiteri detentur tal-karta tal-identita' numru 2174M;

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Godwin Spiteri** li gie akkuzat talli fit-18 ta' Dicembru, u matul l-ahhar sena qabel din id-data:

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligiijet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga

msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eslussiv tieghu;

c. U aktar talli zamm ghandu f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht kontroll tieghu, jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, arma tan-nar, jew munizzjon, minghajr licenzja taht l-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli ttrasferixxa l-pussess ta', biegh, jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, ircieva, zamm, ittrasporta, ittrazmetta, oltera, iddispona, minn jew b'xi mod iehor innegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta' bil-hsieb illi jahbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta' jew dak ir-rikavat u kien jaf jew kellu suspett li dawk il-flus jew proprjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu gew miksuba jew ricevuti, direttament jew indirettament, bhala rizultat tal-ghemil ta' reat ai termini tal-Artikolu 22 Sub Artikolu (1C) subinci a u b tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mill-Appell ta’ nhar id-9 ta’ Settembru, 2002; u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ nhar il-25 ta’ Marzu, 2004, moghtija mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

f. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-18 ta’ Dicembru, 2006 u/jew xi data qabel, xjentement, kellu fil-pussess u /jew taht il-kontroll tieghu pistol awtomatika tal-marka Colt bin-numru tas-serje 322778; pistol tal-marka ME 8 Police minghajr numru tas-serje; u 6 balal kalibru 7.65mm, li l-valur totali taghhom huwa ta’ Lm135.72 u d-Dazju dovut totali ta’ Lm3.66,4, liema mportazzjoni taghhom hija pprojbita jew ristretta;

g. U aktar talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, u tas-SISA, talli nhar it-18 ta’ Dicembru, 2006, u/jew xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu pistola awtomatika tal-marka Colt bin-numru tas-serje 322778; pistola tal-marka ME 8 Police minghajr numru tas-serje; u 6 balal kalibru 7.65mm, li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita u ristretta u li kellha tithallas Taxxa tas-SISA fuq l-importazzjoni, li tammonta ghal Lm25.09,0 liema taxxa ma gitx imhallssa u/jew kawtelata.

Rat ukoll li moqrija bil-gurament l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (folio 207).

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet id-debita trattazzjonijiet.

Rat ukoll l-Ordni u l-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Genearli ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22(2) u l-Artikolu 31 tal-imsemmi Kapitolu rispettivament;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 5(1); 51(2); 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 60(a),(b),(c), u (k) u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 80 u 81 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ghalhekk lill-**Ufficjal Prosekutur** jixhed dwar suspetti li l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga kellha fl-imputat, u ghalhekk bdew isiru osservazzjonijiet fuqu bil-konsegenza li l-pulizija kienu waqqfu lil dan Spiteri, u fuqu sabulu xi sachets zghar bi droga suspettata. Fuqu kellu wkoll l-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin Lira Maltin (Lm698.00). Darba arrestat, dan gie mehud fir-residenza tieghu l-Birgu, fejn saret tfittxija u hemm instabu zewg (2) pistoli magazine li kien fihom sitt (6) bullets; zewg (2) two-way radios; u s-somma ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000.00)

Ittiehditlu wkoll stqarrija li giet esebita fl-atti bhala Dok GS; kif ukoll cellulari mehud minghand l-imputat; kif ukoll pouch kannella kontenenti flus kontanti fl-ammont ta' hames mitt

Lira Maltin (Lm500.00), immarkat dan bhal Dok GS2. Esebixxa ukoll l-Ispettur pouch iehor, din id-darba kontenenti s-somma ta' hames mija hamsa u sittin Lira Maltin (Lm565.00) bhala Dok GS3; kif ukoll wallet bis-somma ta' mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm133.00) bhala Dok GS3. Zied u esebixxa ta' hekk ricevuta tal-Bank of Valletta misjuba flimkien mas-somma ta' sittax il-elf Lira Maltin (Lm16,000.00). Skondtu dawn gew misjuba go basket ta' kulur blu, dawn gew dokumentati bhala Dok GS4. Bhala ease of reference esebixxa ukoll lista minnu redatta tad-dokumenti presentati lill- Qorti.

In kontro ezami xehed illi darba mwaqqaf fil-vettura, l-imputat, hu u sejjer lejn Wied il-Ghajn, kienu nstabu fuqu pakketti zghar bid-droga. Qal dwar il-flejjes l-ohra gia' esebiti - pero dan korrettament seta' jigi spjegat ahjar mill-pulizija li kienu ghamlu t-tfittxija, illi dawn kienu nstabu ghand l-imputat meta gie mwaqqaf fit-triq, mentri s-somma ta' sittax il-elf Lira Maltin (Lm16,000.00) kienet giet misjuba gewwa r-residenza tal-imputat.
Ikkonferma li fil-kors tal-istqarrija, l-imputat kien fil-fatt qallu li kien jikkonsma kemm il-kokaina kif ukoll l-eroina. Ammetta mieghu li l-ewwel kien jissniffja l-kokaina u wara l-eroina.

F'kontro ezami ulterjuri huwa kkonferma li dakinhar illi kien gie investigat l-imputat, saret ukoll investigazzjoni ohra fuq huh Antione li wkoll gie mressaq il-Qorti separatament. Ikkonferma li dan kien tressaq il-Qorti b'akkuzi ta' traffikar ta' droga. Ikkonferma wkoll illi saret anke tfitxija fir-residenza ta' dan Antoine.  Xehed pero, illi ta' dan ma kinx cert; illi minn hawn kienet giet elevata droga eroina u

kokaina. Qabel mad-Difiza, illi l-imputat, anke kif jirrizulta mill-istqarrija li ser tigi ezaminata aktar tard, ammetta mieghu li kien juza kemm l-eroina kif ukoll il-kokaina, u li kien ilu jabbuza mid-droga ghal snin twal, dan anke minn eta' zghira, anke qabel is-sena 2006.

Fil-konfront tal-istqarrija xehed aktar tard is-Surgent 1355 Cleon Purshouse li kkonferma l-identita' u volontarjeta' tal-istess.

**PC 1183 Oliver Borg** minn naha tieghu xehed illi ra lill-imputat fl-inhawi ta' bejn il-Fgura u Haz zabbar b'Toyota Tercel bajda. Rah jaghmel xi movimenti suspettuzi u b'hekk waqqfuh u fuqu saret tfittxija. Xehed illi mill-gakketta li kellu fuqu hargu - hu flimkien ma' pulizija ohra, borza li kien fiha tliet (3) boroz ohra bi trab ta' kulur kannella, u hames (5) qratas tal-karti mimlijin. Instabet ukoll fil-karozza kartiera mimlija b'ammont ta' flus, u pouch iswed li skondtu kien jidher li kien fih terga' aktar flus.

Minn tfittxija fir-residenza tieghu gewwa l-Birgu, mill-gwardarobba, dan ix-xhud jghid illi sab pouch blu li gharaf bhala dak esebit Dok GS4. Xehed illi kif appena kien ser jifthu, l-imputat beda jghidlu biex jistenna u qallu li fih kien hemm pistola. Xehed illi PC 10 dak il-hin staqsieh jekk kellux xi haga ohra li kellu jghidilhom u l-imputat wiegbu fl-affermattiv. Indikallhom illi fil-gwardarobba kellu pistola ohra. Zied li fl-istess gwardarobba kien hemm ukoll pouch iehor ta' kulur kannella li kellu fih ammont iehor ta' flus. Ma ftakarx in kontro ezami li fl-istess pouch kien hemm anke bank deposit slip.

Ikkonferma wkoll in kontro ezami, illi ghalkemm eleva l-flus dawn ma ghaddhomx. Ikkonferma li mill-vettura gabru wkoll zewg (2) portable two-way radios u lembuba sewda tal-lastiku.

**PC 10 Trevor Cassar Mallia** xehed ukoll dwar din it-tfittxija li saret minnu, minn PC 213, PC 1183, u WPC 86. Xehed illi gew elevati minn PC 213, mill-gakketta tal-imputat, tliet (3) boroz zghar bi trab abjad, u tliet (3) boroz zghar bi trab kannella, kif ukoll hames (5) qratas tal-karti. Zied illi gew elevati wkoll mill-karozza tieghu xi flus li kellu gol-wallet, u pouch ukoll kontenenti flus. Prosegwew bit-tfittxija gewwa r-residenza tieghu gewwa l-Birgu, fejn waqt search fil-kamra tas-sodda flimkien ma’ PC 1183, gie elevat basket blu b’ammont konsiderevoli ta’ flus, kif ukoll pistola. Zied illi kien hu li nehha l-magazine minn gol-istess pistola.

Zied illi meta staqsew lill-imputat kellux xi haga ohra x’jaghtiehom, dan indikalhom illi fil-gwardarobba kellu pistola ohra. Zied illi hawn kien hemm ukoll pouch iehor kannella li kellu fih flus ukoll. Zied illi l-imputat hawn kien qallhom li kienu flus tal-mara tieghu.

Dwar il-mobile tal-imputat, xehed il-Kunstibbali, illi l-istess imputat qabdu u ramieh mal-art.

In kontro ezami, dwar dokumenti li kien hemm fil-pouch fejn instabet is-somma kbira ta’ sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000.00), wiegeb illi hu ma kinx cert kinx hemm fih xi dokumenti barra l-flus. Rega’ rrepeta li l-imputat kien qallu li dawk kienu flus ta’ martu.

Minn naha taghha **WPC 86 Diane Fenech** ikkonfermat dak illi qalu l-pulizija hawn gia' riprodotti. Ikkonfermat illi ta' dak kollu li gie elevat saru d-debita ricevuti. Ziedet dwar il-flejjes misjuba fil-basket, illi kien hemm pakketti ta' elf Lira Maltin(Lm1,000000)-il wiehed, sittax(16)-il pakkett, u li ghalhekk b'kollox kien hemm sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000.00).

Minn naha tieghu, **PC 213 Nikolai Borg**, ikkonferma s-sejbien tal-affarijiet gia' elenkati kemm fuq il-persuna tal-imputat, fil-vettura u gewwa r-residenza l-Birgu.
Zied illi dwar id-droga l-imputat kien qallhom illi kienet biss ghall-uzu tieghu, u li dwar il-flus kienet tathomlu ommu, billi kienet taghtih xi haga zghira fix-xahar.
In kontro ezami qal pero, illi kienet mart l-imputat li meta gew misjuba l-flus fil-gwardarobba nfurmathom li dawk kienet tathomlhom omm l-imputat, billi kienet taghtiehom xi haga zghira fix-xahar.

Dwar l-armi misjuba, **WPC 96 Joanna Gerada** xehdet illi l-imputat ma kellu ebda licenzja mahruga mill-Kummssarju tal-pulizija ghalhekk.

Fir-rigward tal-armi misjuba kif suespost, xehdu wkoll il-**Brigadier Maurice Calleja** u **PS 560 Joseph Farrugia**, dawn it-tnejn mahtura konguntivament fl-Inkjesta bhala esperti ballistici. Esebew ir-relazzjoni taghhom bhala DOK MC a folio 141. Ikkonkludew illi:

"*8. Wara l-ezamijiet kollha li ghamlu l-esponenti huma waslu ghal dawn il-konkluzjonijiet:*

a. *Il-pistola CF1 hija wahda li tiffunzjona perfettament;*
b. *Il-munizzjon li kien hemm fil-magazine Dok CF2 huwa kollu kkargat u ghandu l-istess kalibru tal-pistola Dok CF1, cioe' 7.65;*
c. *Il-pistola Dok 3, ghalkemm ghandha apparenza ta' pistola ta' vera, hija fil-fatt wahda li tispara munizzjon blank biss.*"

Mahtur fl-Inkjesta biex jaghmel analizi tas-sustanza misjuba, l-**Ispizjar Mario Mifsud** ikkonkluda:
"

a. *Illi fit-trab il-kannella li kien hemm fi tliet boroz zghar tal-plastic u fil-hames qratas tal-karti fid-dokumenti 084/07/01, f'ammont nett totali ta' 1.517 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-medja tal-purita' ghas-sustanza Herojina ta' dan it-trab kannella kienet ta' circa 31.2%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Illi fit-trab abjad li kien hemm fi tliet boroz zghar tal-plastic fid-dokument 084/07/01, f'ammont nett totali ta' 0.642 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-medja tal-purita' ghas-sustanza Kokajina ta' dan it-trab abjad kienet ta' circa 61%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Dwar il-valur tad-droga misjuba xehed u ppresenta r-relazzjoni tieghu Dok MM1 (a folio 162), illi l-prezz totali tad-droga misjuba kien fil-fatt ta' tlieta u sittin Lira Maltin u tletin centezmu (Lm63.30).

L-istess Spizjar xehed anke in kontro-ezami, dan wara li l-Qorti laqghet talba tad-Difiza li jigu esebiti f'dawn l-atti l-proceduri, issa li ghaddew in guidikat, fl-ismijiet "***Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Godwin Spiteri***". Mitlub issa mid-Difiza jaghmel analizi komparattiv bejn id-droga li nstabet ghand l-imputat u dik misjuba ghand huh Antoine, wiegeb illi wara tant trapass ta' snin, tali ezami komparrattiv ma kinx ser jaghti rizultat tajjeb stante li tkun inbidlet il-komposizzjoni tad-droga. Ghalhekk id-Difiza qalet illi ma kinitx qed tinsisti fuq dik it-talba hekk kif kienet issa giet prezentata lill-Ispizjar.

**Dr Martin Bajada** esebixxa relazzjoni dwar analizi li ghamel fuq ic-cellulari tal-imputat, Dok MB a folio 167.

Fil-konfront tal-informazzjoni migbura minn Dr Martin Bajada, din giet ikkonfermata minn **Dr Rachel Desira** u minn **Denise Formosa Gruppetta** in rappresentanza tas-socjeta Vodafone.

Da parti tieghu, is-**Supretendent Neil Harrison** presenta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 9 ta' Settembru, 2002 kontra l-imputat Godwin Spiteri u Joseph Buhagiar. Ikkonferma l-identita' tal-imputat bhala dak li ghalih taghmel referenza s-sentenza esebita.

Kif jirrizulta mill-atti processwali, l-akkuzi kontra Godwin Spiteri gew mizjuda b'ohrajn relatati ma' ksur tal-Ligi tal-VAT kif ukoll dik tad-Dwana.

Illi ghalhekk xehdu r-rapprezentanti relativi tal-istess dipartimenti u esebew il-Letters to Prosecute u stimi minnhom mahruga.

Ghalhekk certu **Joseph Borg** f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, esebixxa din il-Letter to Prosecute f’isem l-istess (Dok CC folio 210).

**Paul Scicluna** minn naha tieghu presenta sik mahruga mill-VAT, hekk esebita a folio 213.

Dwar il-valulation tal-armi in kwistjoni, xehdu kemm **Frank Tartaglia** u **Mario Abela**, illi t-tnejn kkonfermaw il-valutazzjoni minnhom redatta u esebita fl-atti bhala Dok CC1 (folio 217). Ghalhekk gie stmat li l-pistola tiswa mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm115.00) ekwivalenti ghal mitejn u tmienja u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€268.88), u is-sitt (6) bullets ghal Ewro u sitta u tmenin centezmu (€1.86). Il-pistola l-ohra giet moghtija il-valur ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00) ekwivalenti dan ghal sitta u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59).

Kif gia’ gie aktar ‘il fuq espost, giet esebita fl-atti ta’ dawn il-proceduri l-istqarrija tal-imputat. Din giet mehuda fouri r-regime vigenti llum, fejn l-investigat kellu d-dritt ta’ konsulenza legali, pero ai terminu tal-Ligi vigenti dak iz-zmien.

F'dan il-istadju ghalhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qrati taghna il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet “***Il-Pulizija vs Eleonara Cassar***” qalet hekk:

“*Tajjeb hawn li fl-ewwel lok issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Antonio Abdilla et” mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Superjuri tagħha, fid-9 ta’ Mejju 2013 fejn intqal:*

"

*8. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita' awtomatika tagħha. Hekk, fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali, fejn ġie deċiż li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ fejn ukoll l-imsemmi Muscat ma kellux assistenza legali, u wara li dik il-Qorti spjegat l-import tas-sentenzi relevanti tal-Qorti ta' Strasbourg, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet kif ġej:*

*"14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u*

*applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.*

*"....*

*"25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52 [fil-każ ta' Salduz vs It-Turkija]: "National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings" Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.*

*“26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: “This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused”. Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta’ theddid, vjolenza jew abbuż.*

*“27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta’ Salduz osservat illi l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f’hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa: ‘Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.*”

Illi ghalhekk, citata din id-decizjoni tal-Qrati taghna wiehed irid jezamina kif din is-sentenza tista’ b’xi mod tigi o meno applikata ghall-kaz in ezami. Hawn il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak li jirrizulta mill-fedina tal-imputat. Saljenti l-fatt illi huwa gia’ kien gie nvestigat u certament mitkellem sew mill-pulizija, stante anke li fuq akkuzi ohra relatati ma’ droga, anke fuq hekk wehel sentejn (2) prigunerija. Oltre hekk, kellu, meta ttiehdet l-istqarrija l-eta’ ta' wiehed u erbghin (41) sena.

Illi ghalhekk, tenut dan il-premess, ftit jew ahjar jista’ jinvoka l-vulnerabbilita’ waqt it-tehid tal-istqarrija. Tisqha ghalhekk din il-Qorti bhala wahda ammissibbli.

Harsa lejn dan id-dokument in kwistjoni naraw li skont il-Ligi gie moghti d-debita twissijiet tas-silenzju, li hu tant fehem li anke in parte ghazel, kif kien drittu, illi jezercita. Certament ghalhekk jidher illi hu fehem sew id-drittijiet lilu moghtija.

Qal fiha li kien mizzewweg u kellu zewgt (2) itfal; illi kien ilu qieghed ghal hmistax(15)-il sena, u li kien jiehu d-droga kuljum - gramma u nofs kokaina u nofs gramma eroina. Kien jixtri qal darbtejn (2) fil-gimgha. Kien ihallas erbghin Lira Maltin(Lm40.00)-il gramma tal-kokajina, u ghoxrin Lira Maltin(Lm20.00)-il gramma tal-eroina. Stqarr illi kien ilu f'dak il-vizzju ghal sitt (6) snin.

Dwar il-pakketti misjuba fuqu mill-pulizija meta gie mwaqqaf, qal illi dawk kien ghadu kif jixtrihom u li kien sejjer id-dar bihom biex jerfaghhom. Spjega li kien gol-by-pass ta' Wied il-Ghajn meta gie mwaaqqaf ghaliex ried jixtri l-ikel tal-kelb u il-qattus.

Mistoqsi allura minn fejn kien igib il-flus biex jixtri d-droga, qal illi kien jissellef il-flus. Kien ilu jaghmel hekk ghall-ahhar tlett (3) snin.

Dwar il-pistoli u l-bullets, spjega li wahda kien xtraha minghand il-mejjet Stephen ix-Xewka, u l-ohra minghand wiehed minn Bormla. Mistoqsi dwar it-two-way radio u l-lembuba tal-lastiku, wiegeb illi kien xtrahom u tefagghom hemm. It-two-way radio spjega li ma kinx jahdem.

Innega li hu kien ibiegh id-droga.

Mistoqsi ghala waqt l-arrest tieghu kien anke rrizulta li mar huh Antoine d-dar, li spicca wkoll da parti tieghu arrestat, wiegeb illi ma kinx jaf ghalfejn huh kien mar ghandu.

Mistoqsi jekk hu u huh qatt tawx droga lil xulxin, wiegeb illi le.

Mistoqsi ghala d-droga eroina misjuba fuqu u l-karti tad-droga li wkoll kellu fuqu, kienu l-istess karta bhal dik  misjuba ghand huh Antoine, irrisponda illi ma kinx jaf jaghti spjegazzjoni ta' dan.

Rat ukoll il-process allegat mal-atti fuq talba tad-Difiza, u cioe’ l-atti tal-proceduri kontra huh. Dan gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' ghaxar (10) xhur u ghal multa ta' tminn mitt Ewro (€800).

Huwa gie akkuzat fil-fatt li huwa forna jew ipprokura droga eroina u talli kien fil-pussess aggravat tad-droga eroina, dan fil-gurnata tat-18 ta' Dicembru 2006.

Ma saret ebda xhieda guramentatat da parti ta' hu l-imputat.

Dan Antoine Spiteri xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Qal illi hu rigward dawn l-akkuzi tad-droga kien gie arrestat mid-dar ta’ huh. Qal illi kien wara l-bieb ta' barra, kien diehel. Ftakar illi kien cempillu huh biex jehodlu gramma ta' smack. Ammetta li hu u huh gieli hadu droga flimkien; illi huh Godwin gieli xtara minghandu.  Wiegeb li qabel pero, gia’ kien tah xi pakketti ghaliex gramma shiha ma kellux, allura kien mar igiblu l-kumplament. Dan jghid illi ghamlu ftit hin

wara. Qal illi gramma eroina hu kien iqassamha bejn wiehed u iehor f'disa' (9) pakketti; illi fl-ewwel batch tah sitt (6) pakett. Jghid pero illi ma kinx jiftakkar ezatt. Kien tahomlu f'zewg (2) bicciet. Qal illi huh kien hallsu tal-ewwel pakketti li kien tah.

In kontro ezami wiegeb illi huh kien joqghod il-Birgu, mentri hu Wied il-Ghajn, u li bejn li tah l-ewwel droga u t-tieni okkazzjoni kienu ghaddew xi tlett (3) kwarti. Qal ukoll illi bejn li tah l-ewwel batch tad-droga, hu lehaq anke mar id-dar u ha naqra droga hu. Zied illi biex tah l-ewwel batch ukoll kien mar id-dar tieghu, cioe ta' huh. Zied li lil huh kien izommlu hamsin (50) ta' kull gramma, u li jbiegh biex isostni l-habit tieghu. Qal illi hu d-droga ma kinx ihallieha d-dar, kien ihallieha f'dawk in-nahat.

Mistoqsi wkoll dwar ommu u missieru, wiegeb illi dawn kienu separati u li ommhom kienet tghix wahidha gewwa l-Fgura.

Omm l-imputat **Rose Spiteri** xehdet ukoll, issa dwar flus illi qalet li kienet tat li binha. Ziedet illi waqt illi hija kienet tghix il-Fgura, l-imputat kien jghix gewwa l-Birgu. Ziedet illi kellha sebat (7) itfal. Dwar il-flus qalet illi dawn kienet wirtithom minghand it-tieni ragel taghha. Spjegat illi minghandu kienet wirtet aktar minn sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000.00) li tathom lil binha biex izommhomlha.

Ezebiet visiting card ta' Curmi u Mallia Stockbrokers Limited, skontha fejn marret minhabba dawn il-flus. Ezebeit ukoll id-dokument RS1 li kien Registration Certificate. Qalet illi meta wirtet il-flus, l-istock broker kien tahomlha bhala cekk. Spjegat illi dan il-wirt kien ghadda ghandha fis-sena 2003.

Qablet mad-Difiza li fis-sena 2002 hi kienet wirtet is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm23,258.00). Qalet illi minnhom kienet tat is-somma ta' sittax-il elf (16,000.00) lil binha biex dan izommhomlha ghax hdejha kien sar xi serq. Qalet illi dawn il-kontanti kienu d-dar, illi kienet gabithom mill-bank, gibdithom naqra naqra. Qalet illi dan ghamlitu ghax kienet separata mir-ragel u bdiet tibza' li johdilha minnhom. Qalet, mistoqsija jekk kinitx tiftakar f'hix kienet tathomlu, illi l-flus tathomlu imgezwra go sarvetta zghira, kif ukoll go kaxxa zghira kulur il-kewba tal-injam irqieqa. Qalet illi dawn il-flus anke kienet marret il-bank HSBC u nizzlithom fuq iz-zghir, Lawrence Spiteri, dan biex setghet tohroghom minhabba zewgha. Qalet ukoll illi l-flus kienet irceviethom f'darbtejn u kollha qeghdithom il-bank f'kont wiehed. Issa qalet illi l-kont ghall-ewwel kien fuqha, pero mbaghad, wara li bdiet tigbed minn flusha, ghamlithom fuq binha z-zghir.

Qalet illi dawn il-flus kienu haduhom il-pulizija.

Ezebiet ghalhekk ir-registration certificate gia' imsemmi. Dan jaghmel referenza ghall-flejjes fl-ammonti ta' sitt elef sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm6,610.00) u sittax-il elf hames mija u tmienja u erbghin Lira Maltin (Lm16,548.00), li kienu nvestiti f'isem Rose Spiteri u certu Joseph Bugeja, dan fis-sena 2002. Esebit ukoll ittra mhux ikkonfermata bil-gurament minn Nutar li taghha kien xhud, ta' certu Joseph Bugeja li kien qieghed fis-sena 2001 jindirizza lil N.A. Curmi biex flejjes investiti gewwa Eurobonds Brazil u Argentina u dawk mizmuma fil-kont mal-bank HSBC kellhom jigu migbuda. Dawn kellhom jithallsu lil Rose Spiteri.

F'isem il-Bank of Valletta, **Joseph Borg Cardona** esebixxa statements tal-kont li Godwin Spiteri kellu, wiehed kongunt ma' Joanna Debono li kien fih il-bilanc ta erba' Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€4.88).

**Ikkonsidrat, anke wara li semghet id-debita trattazzjonijiet:**

Illi r-reat adebittat lil Godwin Spiteri fejn jitratta ta' droga aggravat, cioe' pussess ta' eroina u kokaina f'cirkostanzi li juru li dawn is-sustanzi ma kinux ghand l-imputat ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kif ben hu saput, ta' dan il-pussess aggravat ma nsibu ebda definizzjoni fil-Ligi taghnna. Huma fil-fatt il-Qrati nostrana li waslu biex zviluppaw x'ghandu jikkostitwixxi tali pussess, ghalkemm kull kaz jinhtieg illi jigi investigat u determinat fuq il-fatti esklussivi ghalih.

Ghal dan l-iskop  il-Qorti hawn ser ticcita dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt Nezren Grixti) vs Ninian Mangion*" deciza nhar id-9 ta' Marzu, 2010 fejn intqal hekk:

"*Illi, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia*

*cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*"

Ovvjament, tenut dan jibqa' jinkombi dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li d-droga ma kinitx ghall-uzu eslussiv tal-imputat.

Hawn il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak illi qalet il-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***The Police vs Steven Charles Bartram***" deciza nhar it-2 ta' Ottubru, 2014, fejn intqal hekk:

"*In this case it resulted that almost a hundred and thirty (130) tablets ecstasy were found in the possession of the accused. Of that there is no doubt. This Court believes that this amount is far too excessive to justify any personal use. In the case "Police versus Carmel Spiteri" decided on the 2nd of September 1999, the Court held that, "when a substantial amount of drugs are found, this on its own can be enough to satisfy the Court that the possession of that drug was not for the exclusive use of the person concerned." This Court considers that besides the ecstasy, cannabis seeds and dried cannabis leaves together with weighing scales were also found in the possession of the accused. It is indeed difficult to believe how all these drugs could have been for the exclusive of the appellant when the Court considered that every drug has got a limited shelf life and if not consumed within a limited time frame they will lose their effect and might as well be thrown away unless of course they are disposed of in any other manner. It is not the competence of this Court to speculate on how this manner could be achieved. The important thing is that too many pills were found to justify anyone's personal use. In no matter what appellant's psychological condition or health was at the time there is no way he could help himself with self medication without seeking professional help from a psychologist or psychiatrist.*"

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, jinhtieg illi jigu applikati ghall-kaz in ezami. A priori din l-Qorti tista' tghid illi x-xhieda migjuba mill-imputat hija wahda ferm kontradittorja. L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi hu kien fil-pussess tad-droga fil-vettura ghax kien ghadu kif jixtrieha, u li kien sejjer lejn Wied il-Ghajn u mhux lejn daru gewwa l-Birgu ghax ried jixtri ikel tal-animali mill-pet shop. Zied pero, illi kellu l-hsieb jiehu d-droga d-dar u li kienet din ghall-

konsum tieghu. Tistaqsi allura l-Qorti, jekk dan hu veru l-kaz, illi hu kien ghadu kif jixtri s-sustanza ghax ex admissis tant kien jikkosma, allura kif tela' jixhed huh Antoine u qalilna li hu kien ghadu kif jaghti droga f'pakketti lil huh l-imputat, tahielu go daru gol-Birgu? X'kien allura fil-verita' qed jaghmel l-imputat jigri bid-droga fil-karozza b'ammont sostanzjali ta' flus mieghu? Ammont ta' flejjes dawn li zgur jezorbitaw il-valur tal-pet food illi suppost mar jixtri. Barra minn hekk, tfakar ukoll il-Qorti, illi hu fl-istqarrija nnega li hu u huh kienu jaghtu droga lil xulxin. Ghaliex wasal l-imputat, jekk ma kellux x'jahbi, biex anke jarmi c-cellulari mal-art?

Kontradizzjoni li rriskontrat din il-Qorti hija dwar is-sittax-il elf (16,000.00) misjuba ghand l-imputat. Mela l-imputat, waqt tt-tfittxija, jghid lill-pulizija li dawn kienet tathomlu ommu naqra naqra, ghalih biex tghinhom. Minn naha l-ohra, kif dejjem kien drittu, fl-istqarrija ghazel illi ma jwegibx kif gew ghandu dawk il-flus misjuba. A kontrarju, ommu telghet tispjega dak li f'mohh din il-Qorti kien pjuttost storja kemmxejn kumplikata. Mela tghid li mit-tieni ragel taghha li minnu anke kellha t-tfal wirtet somma ta' flus, jidher li din is-somma kienet skont id-dokument esebit Dok RS, circa tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000.00). Dawn il-flus issa jidhru li ghamlu varji tragitti skontha - mela ngiebu mill-investiment esteru, marru go bank, minn hemm bdiet tohroghom ftit ftit, pero kienu mqieghda fuq isem binha z-zghir, dan ghax bezghet minn zewgha l-iehor li minnu kienet separata. Kompla mbaghad dan it-tragit billi issa kebbithom go bicca, x'imkien. Dahhlet anke kaxxa qisha tal-kewba, u issa tathom lil binha l-imputat biex izommhomlha, *"for safe keeping"*. `

Tghid l-omm illi dan kollu ghamlitu ghaliex hdejha kienet saret xi serqa, snin qabel. Minn naha taghha din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax illi din l-ispjegazzjoni tant ikkomplikata, tant mahduma bizilla, tidher u tinhass illi fil-fatt giet mahduma bizilla! Anke jekk l-omm esebit dokumenti li juru li kien hemm investimenti barra, naqset pero li turi li dawn, kif qalet, tqieghdu l-bank fuq isem wiehed minn uliedha u wara nhargu naqra naqra kif xehdet. B'hekk l-istorja taghha kienet tiehu aktar xempju ta'  kredibilita'.

F’dan ir-rigward, il-Qorti rat Hi di viso l-ezebiti, senjatament il-pouch blue li fih instabu dawn il-flejjes u r-ritratti tal-istess prezentati mis-SOCO a folio 85, li juru ezatt dak illi gie elevat mir-residenza tal-imputat. Hadet konjizzjoni tal-withdrawal receipt li ngabret waqt it-tftittxija ezebita bhala Dok GS4, illi tant sahhet fuqha d-Difiza fil-mistoqsijiet taghha, li frankament ma hi xejn hlief withdrawal receipt ta’ bank ghall-ammont ta’ mitt Ewro (€100). Rat anke d-dokumenti li prezentat l-istess Rose Spiteri mar-rikors taghha fejn talbet ir-rilaxx tal-flejjes in kwistjoni. Pero, la x-xhieda taghha u lanqas id-dokumenti minnha prezentati ma jikkonvincu lill-Qorti mill-provenjenza li tathom Rose Spiteri. Fl-ewwel lok, anke jekk id-dokumenti prezentati gew iffirmati bhala vera kopja tal-original, dawn kellhom fil-maggor parti taghhom jigu kkonfermati bil-gurament, certament mhux premezz ta’ affidavit, biex isir id-debita ezami viva voce. Gie ezebiet ukoll, parti minn statement mahrug mill-bank HSBC, dan f’isem Lawrence Spiteri, dan juri depozitu fl-ammont ta’ tlettax-il elf erba’ mija u disgah u sebghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm13,478.75), fit-23 ta’ Awwissu, 2002, u sussegwenti ghalhekk gbid sostanzjali minn din is-somma f’temp qasir ta’ granet, mit-23 ta’ Awwissu, 2002 sat-30 ta’ Awwissu, 2002 (folio 353, Dok VL5). Anke

hawn il-withdrawals jikkontradixxu dak li qalet Rose Spiteri li bdiet tigbed mis-somma ftit ftit, u minnha!

Oltre hekk, it-testment ezebit a folio 354 (vera kopja) juri li certu Joseph Bugeja halla bhala werrieta universali tieghu lil certu Joseph Spiteri, Moira Bugeja, Antoine Spiteri, Lawrence Spiteri, kollha ulied Rose Spiteri. Minn hawn biss il-Qorti ma tistax tasla ghal dak illi fil-verita' x'kien il-wirt in kwistjoni, ma ngabet ebda prova ta' dan. Il-Qorti ma hi xejn konvinta mit-tezi li prezentatilha Rose Spiteri dwar il-flus misjuba. Fil-fatt, mic-cirkostanzi kollha li fiha nstabet id-droga gia' maqsuma f'porzjonijiet fil-karozza misjuqa mill-imputat, tenut kont ukoll tac-cirkostanzi li nstabu fihom il-flus, u oggetti ohra kollha elevati u oltre l-provi kollha Lilha prezentati, jwassal lil din il-Qorti biex tqis dak ili nqal Lilha fuq dawn il-flejjes rigwardanti s-somma ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000.00) bhala ghal kollox inveritjiera.

Daqstant iehor il-Qorti mhix konvinta mill-attivita' tal-imputat illi kien jghix biss billi jissellef il-flus, meta tqis illi dan kien ilu ghal snin twal bla xoghol, pero xorta jigri bid-droga fil-karozza 'l boghod minn daru, kellu wallet u pouch separati mimlija somma sew ta' flus u anke fil-pussess tieghu lembuba u pistol u munizzjon. X'ghandhom x'jaqsmu dawn mas-self ta' flus ihalli lil din il-Qorti hafna dubbju rigwardanti l-verzjoni Lilha moghtija mill-imputat. Dan anke tenut kont tal-fatt illi l-imputat kellu fil-bank biss fuq ismu s-somma ta' erba' Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€4.88), kellu t-tfal xi jrabbi, u sahansitra vizzju qawwi ta' abbuz ta' droga.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri gie mitlub u redatt Social Inquirey report. Dan gie fil-fatt presenatat mill-**Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler**. Xehed ukoll dan, fejn qal

illi l-imputat kien fil-fatt ghamel progress fil-process ghar-riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga. Kien jaghti rizultati fl-ezamijiet ta' urina. Kien anke jikkopera mal-Ufficjal tal-Probation kien anke ghamel b'rizultat posittiv xoghol fil-komunita'.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda ssib htija fuq l-ewwel it-tieni, it-tielet, il-hames, u s-sitt u s-seba akkuzi (a, b, c, e, f, g) u dan wara li rat:

- Ir-Raba' u s-Sitt Taqsimiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Ewwel Skeda tal-imsemmi Kapitolu;
- L-Artikoli 22(1), 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
- GN292/1939 u L.S. 101.02;
- L-Artikoli 5(1); 51(2); 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 60(a),(b),(c), u (k) u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 80 u 81 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- Rat ukoll l-Artikoli 2, 3, u 51 tal-Kapitolu 480 ukoll tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 80 tal-Att XXXIII ta' l-1998.

Illi tenut tal-gravita' tal-akkuzi li taghhom gie misjub hati, anke s-sejbien ta' armi fil-pussess tieghu, wara li anke rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkudanna lil Godwin Spiteri ghal piena karcerarja ta' tlitt (3)

snin, u ghal multa ta’ erbat elef Ewro (€4,000) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tordna wkoll illi l-flejjes kollha Lilha ezebiti misjuba ghand l-imputat fil-pussess, formanti parti minn KB394.2006, jigu konfiskati. Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti, inkluz armi u munizzjon, bin-numru KA 93.2007.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga kollha Lilha ezebita li ggib in-numru KB 50.2007.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkudanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ disa’ mija u sbatax-il Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€917.44), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tilliberah mill-akkuza bl-ittra (d) in kwantu dan il-habi, trasferimenti, u konverzjoni ta’ flejjes jew proprjeta’ naxxenti miskuba direttament jew indirettament minn reati relatati ma’ droga, ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------